MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru. 4/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

PETER PAUL AGIUS

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Peter Paul Agius ta' 26 sena bin Joseph u Judith nee` Debono imwieled Rabat, Ghawdex fil-25 ta' Gunju 1977 u li joqghod Nru 6, Triq Trux, Gharb, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 22377 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-31 t' Awissu 2002 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom

x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Jannar, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-esami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-hdax ta' Marzu, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hdax ta' Marzu, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-ammont negligibbli ta' droga li instab fil-pussess tal-imputat.

Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti ma tikkundannax lill-imputat ghall-piena karcerarja.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed**

**issib lill-imputat PETER PAUL AGIUS hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, u tikunndannah multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM 300).**

Il-Qorti rat li ma gie nominat l-ebda espert fl-istadju tal-kumpilazzjoni, stante l-ammissjoni fl-ewwel seduta u ghaldaqstant tichad t-talba tal-Prosekuzzjoni kif maghmula skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti qieghda tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtira minn dawn l-atti d-droga esebita u mmarkata bhala dokument 'PS' u jaghmel distruzzjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------